MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1/2010

Paul Farrugia (Id. 107467M) u John Farrugia (Id. 499868M) ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta 'Farrugia Lighting and Interiors.'

Vs

Maria Alexia sive Alexia Busuttil.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu l-hlas tas-somma ta' erba mija u tletin ewro (€430) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija li giet ordnata minn u konsenjata lill-konvenuta. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi hija qed taqbel li hija debitrici tal-atturi pero mhux fl-ammont mitlub minnhom f'din il-kawza; illi huwa minnu li l-prezz patwit bejn il-partijiet kien ta' €480 u peress li sar il-hlas ta' €50 akkont, kien ghad fadal bilanc ta' €430; illi gara li meta l-atturi gew jarmaw l-oggett mixtri mill-konvenuta, huma ghamlu hsara fil-hajt tal-konvenuta ammontanti ghal €80 u ghaldaqstant l-ammont dovut hu ta' €350 u bhala konsegwenza ta' dan qed tigi pprezentata kontra talba ghall-ammont ta' €80 dovuti mill-atturi lill-konvenuta.

Ra l-kontro talba tal-konvenuta fejn hija qed titlob minghand l-atturi rikonvenzjonati s-somma ta' tmenin ewro (€80), rapprezentanti xogholijiet rimedjali li hija ghamlet meta saret hsara fil-hajt taghha mill-istess atturi rikonvenzjonati waqt l-istallazzjoni tal-oggett mertu ta' din il-kawza. Bl-ispejjes tal-proceduri odjerni flimkien ma dawk tac-cedoli ta' depozitu bin-numri 242/10 u 243/10 u tal-kontro mandat relattiv.

Ra r-risposta tal-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta li eccepew illi 1. huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma Alessia Busuttil ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kontro talba taghha; 2. illi stante li l-prezz tal-oggett mibjugh ma kienx jikkomprendi l-installazzjoni tieghu, l-kontro talba hija proceduralment insostenibbli; 3. illi l-prezz ghall-oggett mibjugh ma kienx jinkludi l-installazzjoni, tant li l-arrangament ghal tali installazzjoni sar minn Alexia Busuttil u suppost li kellha thallas indipendentement ghalih; 4. illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess ma huwiex minnu li giet kawzata hsara; 5. illi trid issir ukoll il-prova tal-quantum tal-allegata hsara.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Zerafa prodotta mill-atturi.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Alexia Busuttil.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Ellul prodott mill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Alexia Busuttil prodotta mill-atturi sabiex tixhed in kontro ezami.

Sema’ x-xhieda ta’ Antoine Busuttil prodott mill-konvenuta.

Sema’ x-xhieda ta’ Charmaine Zerafa prodotta mill-konvenuta sabiex tixhed in kontro ezami.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi li gew prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti.

Fl-ewwel lok, hemm qbil li l-konvenuta xtrat inkwatru minghand l-atturi, ghall-prezz ta’ erba mija u tmenin Ewro (€480). Illi minn dan il-prezz hija hallset depozitu ta’ hamsin ewro (€50) u ghalhekk kien fadlilha thallas bilanc ta’ erba mija u tletin ewro (€430). Dan gie sahansitra anki ammess mill-konvenuta.

Illi l-atturi jsostnu li l-konvenuta kellha thallas il-bilanc tal-prezz dovut mall-konsenja tal-pittura, izda meta l-pittura giet konsenjata lilha, l-konvenuta ma hallsitx id-*delivery man* u minnflok kienet qaltlu li kienet ser tibghat cekk. Mbaghad kienet cemplet u talbet is-servizz ta’ installazzjoni tal-pittura, izda tali servizz ma jinghatax mill-atturi hlief f’kazijiet partikolari ta’ installazzjoni ta’ linef. Minkejja dan, fuq insistenza tal-konvenuta ghal ghajnuna, Charmaine Zerafa li tahdem bhala *sales assistant* mall-atturi kienet issuggeriet li l-konvenuta ccempel lill certu Christopher Ellul li jahdem ma l-atturi u tirranga indipendentement mieghu ghas-servizz ta’ installazzjoni.

Fil-fatt il-konvenuta ghamlet hekk izda xorta wahda ma halsitx il-bilanc dovut peress li kienet qed tikkontendi li dan Christopher Ellul kien ikkaguna xi danni fil-hajt taghha u li dawn id-danni kellhom jitnaqqsu mill-ammont dovut.

Il-konvenuta stmat dawn id-danni fl-ammont ta' tmenin ewro (€80) u naqsithom mill-bilanc dovut, u b'hekk baghtet cekk ghall-ammont ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) lill-atturi li pero ghal darba darbtejn ma accettawx dan ic-cekk. B'hekk il-bilanc ta' erba mija u tletin ewro baqa kollu kemm hu dovut.

Christopher Ellul, id-*delivery man* tal-atturi xehed illi l-konvenuta kienet cemplitlu u talbitu sabiex imur idendlilha pittura li hija kienet xtrat minghand l-atturi, u fil-fatt hekk ghamel. Skond hu, kellu l-ghodda kollha mehtiega ghal dan ix-xoghol u li l-pittura kienet iddendlet minghajr ebda problemi hlief li saret toqba wahda zejda fil-hajt. L-istess xhud spjega li ma kienx mar idendel il-pittura bhala parti minn xogholu mal-atturi, izda bhala xoghol *extra* li kien jaghmel tant hu hekk li mar il-gurnata tas-Sibt u cioe meta ma jkunx xoghol mal-atturi. Huwa xehed ukoll li kien qal lill-konvenuta li huwa kien ser jiccargjaha ghax-xoghol tieghu. Madankollu meta spicca u dendel l-inkwatru, l-konvenuta qaltlu li la kellha cekk u lanqas kontanti sabiex thallas u li ghalhekk kienet ser tibghat kollox lill-atturi permezz ta' cekk. Skond hu l-konvenuta fl-ebda hin u mument ma lmentat dwar ix-xoghol tieghu.

Illi minn-naha taghha l-konvenuta xehedet illi hija kienet irrangat mal-atturi li meta l-inkwatru jigi konsenjat lilha, dan kellu jigi installat ukoll. Fil-fatt skond hi meta gie konsenjat id-*delivery man* qalilha li ma setax jaghmel dan peress li kien wahdu u li kienu ser jibghatu lil xi hadd iehor l-ghada, u cioe s-Sibt sabiex jigi installat l-inkwatru. L-ghada ghalhekk mar certu Christopher Ellul, sabiex idendel l-inkwatru izda dan mar minghajr ghodda, u ma kienx kapaci jdendel l-inkwatru tant li ghamel diversi hsarat fil-hajt tal-gips taghha peress li halla hafna toqob zejda.

Ghal din ir-raguni hija ma deherilhiex li kellha thallas l-ammont dovut fl-intier tieghu, u l-ewwel gabet stima tax-xoghol li kellu jsir sabiex il-hajt jigi rrangat, liema stima kienet tammonta ghal tmenin ewro (€80). Meta hija avzat lill-atturi li kienet ser thallas l-ammont dovut wara li tnaqqas il-hsarat, dawn ma accettawx, tant hu hekk illi

irrifjutaw ic-cekk ghall-ammont ta’ €350 li hija kienet baghtet darbtejn.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti t-Tribunal jidhirlu li l-prezz ta’ l-inkwatru per se kien dak ta’ €480 u ma jidhirx li kien jinkludi xi spejjes rigwardanti l-installazzjoni ta’ l-istess. Ghalhekk peress illi dan huwa l-prezz tal-oggett li gie konsenjat u accettat mill-konvenuta, ghandu jibqa dejjem dovut fl-intier tieghu, anki ghaliex il-konvenuta accettat il-konsenja u qatt ma ilmentat dwar l-inkwatru innifsu.

Illi it-Tribunal wara li sema z-zewg versjonijiet konfliggenti tal-partijiet jhoss li huwa izjed dispost li jemmen il-versjoni tal-atturi, u cioe li huma qatt ma accettaw li l-inkwatru kellu jigi installat wkoll meta gie konsenjat, u li se mai kienu biss ghamlu pjacir lill-konvenuta billi tawha l-isem u numru tat-telefon ta’ lavrant li seta’ jdendel l-inkwatru jekk hija xtaqet tqabbdu jaghmel hekk.

Jidher illi fl-ewwel lok, kienet il-konvenuta li ikkomunikat ma Christopher Ellul direttament, u dan mar ghandha mhux waqt il-hin tax-xoghol tieghu, ghaliex mar nhar ta’ Sibt meta fil-fatt lanqas ikun xoghol. Zgur li ma jistax jinghad li l-atturi huma responsabbli ghad-danni li kkaguna impjegat taghhom waqt il-hin tax-xoghol tieghu, ghaliex dan effettivament mar ghand il-konvenuta mhux waqt il-hin tax-xoghol tieghu maghhom.

Oltre dan il-konvenuta li wara kollox qed tallega li l-prezz tal-pittura kienet tinkludi wkoll l-installazzjoni, ma gabet assolutament l-ebda prova dwar dan. Minn-naha l-ohra kull min xehed minn-naha tal-atturi spjega li dawn ma jaghmlux xoghol ta’ istallazzjoni hlief ghal kazijiet rari bhal ma meta jkollhom idendlu linfa biss. Kemm id-*delivery man* kif ukoll is-*sales assistant* xehedu li Christopher Ellul ma marx hemm fuq inkarigu tal-atturi izda ghal rasu fuq talba indipendenti maghmula mill-konvenuta, u li dan ma kellu x’jaqsam xejn max-xoghol tieghu mal-atturi.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jarax kif id-danni li allegatament saru minn persuna indipendentement

inkarigata mill-konvenuta mhux waqt il-hin tax-xoghol tieghu, jistghu b'xi mod jigu mnaqqsin mill-prezz fiss tal-oggett mibjugh u kkonsenjat. Oltre dan, lanqas jista' jigi accettat li dawn id-danni ghandhom ikunu a karigu tal-atturi meta dawn effettivament ma kellhom x'jaqsmu xejn mall-arrangament li ghamlet il-konvenuta ma Christopher Ellul fir-rigward tal-istallazzjoni tal-inkwatru.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi: 1. Jilqa t-talba attrici; 2. Jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta; 3. Jilqa l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro talba tal-konvenuta; 4. Jichad il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, u b'hekk jikkundanna l-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u tletin ewro (€430), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------